

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

10.12.2007

0113/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jo Leinen, Vural Öger u Marek Siwiec
dwar il-proposta għall-ħolqien ta' Kumitat ta' għorrief

Data ta' skadenza: 26.3.2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-proposta għall-ħolqien ta' Kumitat ta' għorrief

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Parlament Ewropew huwa korps elett b'mod demokratiku li jirrappreżenta ċ-ċittadini ta' l-Ewropa li jikkostitwixxi l-forum adegwat għad-dibattiti fuq il-ġejjieni ta' l-Ewropa, l-istrutturi u l-fruntieri tagħha;
- B. billi l-metodu tal-Konvenzjoni huwa l-mod li hu l-aktar ta' suċċess, trasparenti u demokratiku biex jinfetaħ dibattitu bħal dan u jservi ta' xempju;
- C. billi l-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni li tinnegozja lejn tkabbiriet ġejjiena u għandha żżomm il-kompetenzi tagħha;
 1. Jidhirlu li l-Parlament Ewropew huwa l-post leġittimu biex jitmexxa dibattitu fuq il-ġejjieni ta' l-UE, il-valuri u l-identità Ewropej; hu tal-fehma li sfera pubblika Ewropea vera tista' tinkiseb biss fi ħdan qafas trasparenti;
 2. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-punt li l-ħolqien ta' "Kumitat ta' għorrief" ikun nieqes mil-leġittimità demokratika; jemmen li dibattitu fil-magħluq jirriskja li jitlef il-fiduċja taċ-ċittadin Ewropew; jidhirlu li l-ħolqien ta' kumitat bħal dan idgħajef il-kredibilità ta' l-UE u l-istituzzjonijiet eżistenti tagħha;
 3. Jemmen li l-metodu tal-Konvenzjoni bl-involviment parlamentari u tas-soċjetà ċivili ikun aktar adegwat biex jinholq dibattitu pubbliku;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.